SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla Estiża)

11 ta' Diċembru 2024*

"Dritt istituzzjonali – Ftehim konkluż bejn il-Kunsill u l-organizzazzjonijiet sindakali jew professjonali għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10c tar-Regolamenti tal-Persunal – Proċedura ta' verifika tal-kriterji għar-rikonoxximent u ta' rappreżentattività tal-organizzazzjonijiet sindakali jew professjonali – Nota li tagħti r-riżultati tal-proċedura ta' verifika – Obbligu ta' motivazzjoni – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Prinċipju ta' eżekuzzjoni f'*bona fide* – Libertà sindakali"

Fil-Kawża T-179/23,

Section Conseil de la Fédération de la fonction publique européenne (FFPE section Conseil), stabbilita fi Brussell (il-Belġju), irrappreżentata minn A. Champetier u S. Rodrigues, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn M. Bauer u I. Demoulin, bħala aġenti,

konvenut,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla Estiża),

komposta minn S. Papasavvas, President, L. Truchot (Relatur), H. Kanninen, M. Sampol Pucurull u T. Tóth, Imħallfin,

Reġistratur: L. Ramette, amministratur,

wara li rat id-digriet tad-9 ta' Ġunju 2023, FFPE section Conseil vs Il-Kunsill (T-179/23 R, mhux ippubblikat, EU:T:2023:328),

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tat-12 ta' Lulju 2024,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti, is-section Conseil tal-Fédération de la fonction publique européenne section Conseil (FFPE section Conseil) titlob, minn naħa, fuq il-bażi tal-Artikolu 263 TFUE, l-annullament tan-nota tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tat-3 ta' April 2023 dwar ir-riżultat tat-tieni proċedura ta' verifika li tikkonċernaha, inkwantu din tissospendi d-drittijiet li kienu ngħatawlha bħala organizzazzjoni sindakali jew professjonali (iktar 'il quddiem "OSP") rappreżentattiva (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") u, min-naħa l-oħra, fuq il-bażi tal-Artikolu 268 TFUE, il-kumpens għad-danni morali li hija ġarrbet minħabba dan il-fatt.

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Skont l-Artikolu 10c tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti"), "[k]ull istituzzjoni tista' tikkonkludi ftehim dwar il-persunal tagħha ma[l-OSP] rappreżentattivi tagħha tal-persunal. It-tali ftehim ma jistax ikun fihom emendi tar-Regolamenti tal-Persunal jew xi impennji ta' estimi, lanqas ma jistgħu jaffettwaw l-ħidma ta' l-istituzzjoni kkonċernata. [L-OSP] rappreżentattivi tal-persunal, li huma firmatarji, għandhom joperaw f'kull istituzzjoni, suġġetti għas-setgħat statutorji tal-kumitat tal-persunal".

3 Fid-dawl tal-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, fit-28 ta' Marzu 2006, il-Kunsill u diversi OSP tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK), fosthom ir-rikorrenti, iffirmaw fi Brussell (il-Belġju) dokument intitolat "Ftehim bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjonijiet Sindakali jew Professjonali tal-Persunal tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill" [traduzzjoni mhux uffiċjali], bil-għan li jiffissaw il-kriterji għar-rikonoxximent u għar-rappreżentattività tal-OSP tal-Kunsill (iktar 'il quddiem il-"Ftehim").

4 Minn naħa, l-Artikolu 2 tal-Ftehim, dwar ir-rikonoxximent tal-OSP, jipprevedi l-prinċipju ta' rikonoxximent uffiċjali tal-OSP tal-persunal tas-SĠK. Għaldaqstant, l-Artikolu 2(2)(f) tal-Ftehim jippreċiża li huma rrikonoxxuti l-OSP li jipproduċu l-prova li fi ħdan is-SĠK għandhom minn tal-inqas 60 membru li għandhom l-istatus ta' votant u li huma eliġibbli għall-elezzjonijiet tal-Kumitat tal-Persunal u li ma għandhomx kontribuzzjonijiet mhux imħallsin fir-rigward tal-OSP tagħhom (iktar 'il quddiem il-"livell għar-rikonoxximent").

5 Skont l-Artikolu 13 tal-Ftehim, l-OSP irrikonoxxuti jibbenefikaw mill-possibbiltà li jużaw il-mezzi ta' traduzzjoni, ta' riproduzzjoni, ta' xandir u ta' komunikazzjoni tas-SĠK, inkluż il-"home page" fis-sit intranet tiegħu, li jżommu laqgħat barra mill-ħin tax-xogħol fil-bini tas-SĠK, li jkollhom uffiċċju standard, li jaqsmuh mal-OSP irrikonoxxuti l-oħra, u li jagħtu lid-diriġenti jew lid-delegati tagħhom leave speċjali li ma jeċċedix erbat ijiem fis-sena sabiex huma jkunu jistgħu jipparteċipaw f'laqgħat jew f'kungressi sindakali barra mis-SĠK kif ukoll leave speċjali għal taħriġ sindakali kif ukoll għal taħriġ professjonali.

6 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 4(1) tal-Ftehim, dwar ir-rappreżentattività tal-OSP, jipprevedi li l-Kunsill jirrikonoxxi bħala rappreżentattivi fi ħdan is-SĠK l-OSP irrikonoxxuti, sakemm dawn ikollhom fi ħdan din l-istituzzjoni tal-inqas 300 membru li għandhom l-istatus ta' votant u eliġibbli għall-elezzjonijiet tal-Kumitat tal-Persunal u ma għandhomx kontribuzzjonijiet mhux imħallsin fir-rigward tal-OSP tagħhom, inkluż ex uffiċjali jew membri oħra tal-persunal tas-SĠK, li huma intitolati għal pensjoni Komunitarja u membri ta' OSP, sa massimu ta' 50 membru (iktar 'il quddiem il-"livell ta' rappreżentattività").

7 Skont dokument anness mal-Ftehim u intitolat "Modalitajiet li jikkonċernaw il-provvista ta' riżorsi għad-dispożizzjoni tal-OSP rappreżentattivi fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Ftehim" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (iktar 'il quddiem l-"Anness"), l-OSP rappreżentattivi tas-SĠK jibbenefikaw mill-provvista temporanja ta' membri tal-persunal, ta' għajnuna segretarjali, ta' uffiċċji mgħammra u mowbajls għal kull membru tal-persunal ikkollokat full-time, kif ukoll mill-aċċess kollettiv għal spazju ta' 27 m^2 intiż għal ħafna użi.

8 Barra minn hekk, l-Artikolu 5(1) tal-Ftehim, dwar il-verifika ta' ċerti kriterji ta' rikonoxximent u ta' rappreżentattività tal-OSP, jipprevedi li n-numru ta' membri tal-OSP firmatarji tal-Ftehim (iktar 'il quddiem l-"OSP kofirmatarji") għandu jiġi kkomunikat b'dikjarazzjoni ġuramentata tal-president ta' kull waħda minn dawn l-OSP lil organu indipendenti magħżul bi qbil komuni, li tippreċiża kemm fosthom għandhom il-kwalità ta' uffiċjal jew ta' membru tal-persuna tas-SĠK u n-numru ta' persuni li huma ex uffiċjali jew membri oħra tal-persunal tas-SĠK intitolati għal pensjoni Komunitarja.

9 Din id-dispożizzjoni tippreċiża wkoll li l-organu indipendenti msemmi fil-punt 8 iktar 'il fuq għandu jivverifika jekk l-OSP kofirmatarji jilħqux, b'mod partikolari, il-livelli għar-rikonoxximent u ta' rappreżentattività u għandu jiddetermina l-piż relattiv ta' kull OSP rappreżentattiva (iktar 'il quddiem il-"proċedura ta' verifika"). Fi tmiem din il-proċedura ta' verifika, l-imsemmi organu għandu jikkomunika r-riżultat tal-konstatazzjonijiet tiegħu lill-OSP kkonċernati u lill-Awtorità tal-Ħatra, mingħajr madankollu ma jiżvela ebda informazzjoni miksuba fil-kuntest ta' din il-proċedura.

10 Fl-aħħar nett, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(3) tal-Ftehim jipprevedi li l-ġurament imsemmi fil-punt 8 iktar 'il fuq u l-proċedura ta' verifika għandhom isiru kull tliet snin u kull meta xi OSP ġdida titlob li tkun parti mill-Ftehim.

11 Permezz ta' nota tad-29 ta' Marzu 2022, id-Direttorat Ġenerali "Żvilupp Organizzazzjonali u Servizzi" tas-SĠK informa lill-OSP kofirmatarji bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' verifika skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim.

12 Fit-3 u s-17 ta' Mejju 2022, is-SĠK żamm laqgħat mal-OSP kofirmatarji li fihom ippreżentalhom l-abbozz ta' ittra ta' missjoni li kellha tiġi indirizzata lill-organu indipendenti msemmi fl-Artikolu 5 tal-Ftehim (iktar 'il quddiem l-"ewwel ittra ta' missjoni"). Waqt dawn il-laqgħat, ir-rappreżentanti tat-tliet OSP kofirmatarji esprimew ix-xewqa li d-data ta' riferiment li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni mill-imsemmi organu għall-istabbiliment tal-listi tal-membri tagħhom (iktar 'il quddiem l-"ewwel data ta' riferiment") għandha tkun il-31 ta' Lulju 2022.

13 Fis-17 ta' Ġunju 2022, is-SĠK informa lill-OSP kofirmatarji, essenzjalment, li marixxall stabbilit fi Brussell (iktar 'il quddiem il-"marixxall") kien aċċetta li jmexxi l-proċedura ta' verifika u li l-ewwel data ta' riferiment kienet iffissata għall-31 ta' Mejju 2022.

14 Matul Settembru 2022, fil-kuntest tal-proċedura ta' verifika msemmija fil-punt 13 iktar 'il fuq (iktar 'il quddiem l-"ewwel proċedura ta' verifika") l-uffiċċjal ġudizzjarju eżamina l-informazzjoni kkomunikata mill-OSP kofirmatarji sabiex jevalwa jekk dawn jilħqux il-livelli għar-rikonoxximent u ta' rappreżentattività.

15 Fl-20 ta' Ottubru 2022, il-marixxall ħejja rapport li minnu jirriżulta li, fil-31 ta' Mejju 2022, ir-rikorrenti ma kinitx laħqet il-livell għar-rikonoxximent u, konsegwentement, lanqas il-livell ta' rappreżentattività (iktar 'il quddiem l-"ewwel rapport").

16 Permezz ta' nota tal-24 ta' Novembru 2022 (iktar 'il quddiem in-"nota tal-24 ta' Novembru 2022"), is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ħa inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-fatt li r-rikorrenti ma ssodisfatx il-kriterji previsti fl-Artikolu 2(2)(f) u fl-Artikolu 4(1) tal-Ftehim u talabha tikkonforma ruħha mal-imsemmija kriterji f'terminu ta' tliet xhur, skont il-proċedura prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-Ftehim.

17 Fit-30 ta' Novembru 2022, is-SĠK ippubblika fuq l-intranet tiegħu avviż li jgħid li, għall-kuntrarju taż-żewġ OSP kofirmatarji l-oħra, ir-rikorrenti ma kinitx għadha tilħaq il-livelli għar-rikonoxximent u ta' rappreżentattività previsti mill-Ftehim u li hija kellha terminu ta' tliet xhur sabiex tirrimedja din is-sitwazzjoni.

18 Fis-16 ta' Jannar 2023, is-SĠK bagħat lir-rikorrenti abbozz ġdid ta' ittra ta' missjoni intiża għall-marixxall immirata għal verifika ġdida tas-sitwazzjoni tagħha fir-rigward tal-livelli għar-rikonoxximent u ta' rappreżentattività (iktar 'il quddiem it-"tieni proċedura ta' verifika").

19 Fid-19 ta' Jannar 2023, is-SĠK u r-rikorrenti pparteċipaw f'laqgħa li matulha, minn naħa, ir-rikorrenti talbet li, fil-kuntest tat-tieni proċedura ta' verifika, il-marixxall jistabbilixxi l-lista ta' membri tagħha fuq il-bażi ta' data ta' riferiment (iktar 'il quddiem it-"it-tieni data ta' riferiment") li tiġi wara s-17 ta' April 2023 u, min-naħa l-oħra, is-SĠK indika li, skont l-interpretazzjoni tiegħu tal-Ftehim, din it-tieni data ta' riferiment kellha tiġi ffissata għat-28 ta' Frar 2023, minħabba li din id-data kienet tikkorrispondi għal tmiem it-terminu ta' tliet xhur li skatta permezz tan-nota tal-24 ta' Novembru 2022.

20 Matul Marzu 2023, fil-kuntest tat-tieni proċedura ta' verifika, il-marixxall eżamina l-informazzjoni mogħtija mir-rikorrenti.

21 Fit-28 ta' Marzu 2023, il-marixxall bagħat lir-rikorrenti t-tieni rapport, bid-data tas-27 ta' Marzu 2023, li minnu kien jirriżulta li, fid-dawl tal-listi uffiċjali tal-uffiċjali u membri oħra tal-persunal u tal-ex uffiċjali u membri oħra tal-persunal magħmula, rispettivament, fit-28 ta' Frar u fl-1 ta' Marzu 2023, ir-rikorrenti kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent previsti mill-Ftehim, inkluż il-kriterju previst fl-Artikolu 2(2)(f) tal-Ftehim, imma li hija ma kinitx tilħaq il-livell ta' rappreżentattività previst fl-Artikolu 4(1) tal-imsemmi Ftehim (iktar 'il quddiem it-"tieni rapport").

22 Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, is-SĠK informa lir-rikorrenti bis-sospensjoni tad-drittijiet li hija kellha taħt l-Artikolu 14 tal-Ftehim fil-kwalità ta' OSP rappreżentattiva. Barra minn hekk, huwa informaha biż-żamma tal-benefiċċju tagħha tar-riżorsi previsti fl-Artikolu 13 tal-Ftehim fil-kwalità ta' OSP rrikonoxxuta.

II. It-talbiet tal-partijiet

23 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– tikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas tal-ammont simboliku ta' EUR 1 bħala kumpens għad-dannu morali subit;

– tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

24 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

III. Fid-dritt

A. Fuq it-talbiet intiżi għall-annullament

25 Insostenn tat-talbiet intiżi għall-annullament, ir-rikorrenti tinvoka, essenzjalment, tliet motivi, ibbażati, l-ewwel, fuq ksur tal-Artikolu 5 tal-Ftehim u fuq irregolaritajiet matul l-ewwel proċedura ta' verifika, it-tieni, fuq ksur tal-ispirtu ta' kooperazzjoni leali li joħroġ mill-imsemmi Ftehim, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, tal-prinċipju ta' proporzjonalità kif ukoll tal-prinċipju ta' eżekuzzjoni f'*bona fide* tal-ftehimiet u, it-tielet, fuq ksur tad-dritt fundamentali għal-libertà sindakali.

26 Barra minn hekk, b'risposta għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, ir-rikorrenti ressqet, essenzjalment, ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

27 Peress li hija ġurisprudenza stabbilita li l-assenza jew l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni taqa' taħt il-ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, u tikkostitwixxi motiv ta' ordni pubbliku li għandu, jekk ikun il-każ, jitqajjem *ex officio* mill-qorti tal-Unjoni (ara s-sentenza tat-12 ta' Lulju 2023, Eurecna vs Il-Kummissjoni, T-377/21, EU:T:2023:398, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata), il-Qorti Ġenerali jidhrilha xieraq, meħudin inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, li tiddeċiedi dwar ir-raba' motiv qabel ma teżamina mbagħad it-tliet motivi l-oħra invokati mir-rikorrenti.

1. Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata

28 Ir-rikorrenti ssostni, essenzjalment, li, peress li l-validità tad-deċiżjoni kkontestata hija suġġetta għan-nuqqas ta' osservanza tal-livell ta' rappreżentattività, it-tieni rapport kellu jsemmi b'mod ċar in-numru preċiż ta' membri li l-marixxall kien ikkonstata sabiex wasal għal konklużjoni li hija ma kinitx laħqet dan il-livell. B'hekk, hija ma kinitx f'pożizzjoni li tkun taf la r-raġunijiet li għalihom hija ma kinitx laħqet dan il-livell u lanqas, barra minn hekk, il-ġustifikazzjoni essenzjali tad-deċiżjoni kkontestata, b'mod li hija tkun tista' tiddefendi d-drittijiet tagħha, bi ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni li huma suġġetti għalih l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

29 Il-Kunsill jikkontesta l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti.

30 F'dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni mitluba mill-Artikolu 296 TFUE u mill-Artikolu 41(2)(ċ) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") għandha tkun aġġustata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u mhux ekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, awtriċi tal-att, b'mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu bil-ġustifikazzjonijiet għall-miżura meħuda u lill-qorti kompetenti li tagħmel l-istħarriġ tagħha. Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jkun evalwat skont iċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża, b'mod

partikolari l-kontenut tal-att, in-natura tal-motivi invokati u l-interess li d-destinatarji tal-att jew ta' persuni oħra kkonċernati direttament u individwalment minnu jista' jkollhom sabiex jirċievu spjegazzjoni. Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti ta' fatt u ta' liġi kollha rilevanti, inkwantu l-punt dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq għandu jiġi evalwat fid-dawl mhux biss tal-formulazzjoni tagħha, imma wkoll fil-kuntest tagħha kif ukoll tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-materja kkonċernata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Groningen Seaports *et* vs Il-Kummissjoni, T-160/16, mhux ippubblikata, EU:T:2018:317, punt 78).

31 Barra minn hekk, l-assenza ta' motivazzjoni tista' tiġi kkonstatata anki meta d-deċiżjoni inkwistjoni tinkludi ċerti elementi ta' motivazzjoni. Għalhekk, motivazzjoni kontradittorja jew li ma tinftiehemx hija ekwivalenti għal assenza ta' motivazzjoni. L-istess japplika meta l-elementi ta' motivazzjoni li jinsabu fid-deċiżjoni inkwistjoni jkunu tant lakuni li bl-ebda mod ma jippermettu lid-destinatarju tagħha, fil-kuntest tal-adozzjoni tagħha, li jifhem ir-raġunament tal-awtur tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs Di Bernardo, C-114/19 P, EU:C:2020:457, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 F'dan il-każ, l-ewwel nett, ġie ppreċiżat, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-marixxall maħtur sabiex imexxi t-tieni proċedura ta' verifika kien ippreżenta r-relazzjoni tiegħu fit-28 ta' Marzu 2023 u li, skont dan ir-relazzjoni, ir-rikorrenti kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex tkun ikkunsidrata bħala OSP rrikonoxxuta, imma mhux bħala OSP rappreżentattiva.

33 It-tieni, mill-indikazzjonijiet li jinsabu fit-tieni rapport, li għalih tirreferi espressament id-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, fid-dawl, b'mod partikolari, ta' lista uffiċjali tal-uffiċjali u membri oħra tal-persunal tas-SĠK magħmula fit-28 ta' Frar 2023 u ta' lista uffiċjali oħra tal-ex uffiċjali u membri oħra tal-persunal tas-SĠK magħmula fl-1 ta' Marzu 2023, minn naħa, ir-rikorrenti laħqet il-livell għar-rikonoxximent li huwa ta' mill-inqas 60 membru previst fl-Artikolu 2(2)(f) tal-Ftehim u, min-naħa l-oħra, hija ma laħqitx il-livell ta' rappreżentattività ta' mill-inqas 300 membru li kellhom l-istatus ta' votant u eliġibbli għall-elezzjonijiet tal-Kumitat tal-Persunal, li ma għandhomx kontribuzzjonijiet mhux imħallsin, previst fl-Artikolu 4(1) tal-Ftehim, mingħajr ma d-diskrepanza kkonstatata kienet inqas minn 20 membru.

34 B'hekk, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni kkontestata, meħuda skont il-Ftehim li r-rikorrenti kienet waħda mill-firmatarji, ittieħdet wara li l-marixxall bagħtilha, fit-28 ta' Marzu 2023, it-tieni rapport, f'kuntest li hija kienet taf bih.

35 Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata, bil-fatt li tagħmel riferiment, b'mod partikolari, għall-Ftehim u għat-tieni rapport, esponiet l-elementi kemm ġuridiċi kif ukoll fattwali li kellhom importanza essenzjali fl-istruttura ta' din id-deċiżjoni u li kienu jqiegħdu kemm lir-rikorrenti kif ukoll lill-Qorti Ġenerali f'pożizzjoni li jevalwaw il-legalità tagħha.

36 Huwa minnu li la d-deċiżjoni kkontestata u lanqas it-tieni rapport, konformement mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tal-Ftehim, ma jsemmu n-numru eżatt ta' membri li l-marixxall kkonstata sabiex wasal għall-konstatazzjoni li r-rikorrenti ma laħqitx il-livell ta' rappreżentattività.

37 Madankollu, minn qari konġunt tad-deċiżjoni kkontestata u tat-tieni rapport jirriżulta li n-numru ta' membri tar-rikorrenti li ngħaddu mill-marixxall kien, minn naħa, daqs jew ogħla mil-livell għar-rikonoxximent u, min-naħa l-oħra, inqas mill-livell ta' rappreżentattività, mingħajr ma d-diskrepanza kkonstatata kienet inqas minn għoxrin membru, jiġifieri numru ta' membri bejn 60 u 280.

38 B'hekk, il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata la hija kontradittorja u lanqas ma tinftiehemx u turi r-raġunament tal-awtur tagħha b'mod ċar u mhux ekwivoku.

39 Konsegwentement, ir-raba' motiv, ibbażat fuq insuffiċjenza ta' motivazzjoni, għandu jiġi miċħud bħala infondat.

2. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 5 tal-Ftehim u fuq l-irregolaritajiet waqt l-ewwel proċedura ta' verifika

40 L-ewwel motiv jikkonsisti, essenzjalment, f'żewġ partijiet, ibbażati, l-ewwel parti, fuq ksur tal-Artikolu 5 tal-Ftehim waqt l-ewwel proċedura ta' verifika u, it-tieni, fuq irregolaritajiet li jaffettwaw l-ewwel rapport.

41 Il-Kunsill jikkontesta l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti.

42 B'mod preliminari, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, bl-argument imressaq insostenn ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti tikkritika inċidentalment ir-regolarità tal-ewwel proċedura ta' verifika li wasslet lill-Kunsill sabiex jadotta n-nota tal-24 ta' Novembru 2022 kif ukoll il-fondatezza ta' din in-nota.

43 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, għalkemm miżuri ta' natura purament preparatorja ma jistgħux, bħala tali, ikunu s-suġġett ta' rikors għal annullament, l-eventwali illegalitajiet li jivvizzjawhom jistgħu jiġu invokati insostenn tar-rikors ippreżentat kontra l-att definittiv li minnu huma jikkostitwixxu stadju fit-tħejjija tiegħu (ara s-sentenza tat-22 ta' April 2021, thyssenkrupp Electrical Steel u thyssenkrupp Electrical Steel Ugo vs Il-Kummissjoni, C-572/18 P, EU:C:2021:317, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 F'dan il-każ, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li n-nota tal-24 ta' Novembru 2022 tirriżulta mill-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-Ftehim, li jgħid li kull OSP li kienet rappreżentattiva u li ma kinitx għadha tilħaq il-livell ta' rappreżentattività għandha tiġi mitluba mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill sabiex tikkonforma ruħha mal-kriterju previst fl-Artikolu 4(1) tal-imsemmi Ftehim f'terminu massimu ta' tliet xhur, u fin-nuqqas ta' dan, id-drittijiet tagħha bħala OSP rappreżentattiva jiġu sospiżi.

45 B'hekk, in-nota tal-24 ta' Novembru 2022, li ma esprimietx il-pożizzjoni definittiva tal-Kunsill fuq il-punt dwar jekk ir-rikorrenti kellhiex titqies bħala li hija dejjem rappreżentattiva skont il-Ftehim, kienet tikkorrispondi, konformement mal-Artikolu 6 tal-Ftehim, għal fażi preliminari tal-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata li, min-naħa tagħha, tesprimi din il-pożizzjoni definittiva.

46 Konsegwentement, peress li n-nota tal-24 ta' Novembru 2022 għandha n-natura ta' miżura purament preparatorja, ir-rikorrenti hija ammessa, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 43 iktar 'il fuq, tikkritika, b'mod inċidentali, l-ewwel proċedura ta' verifika li wasslet għall-adozzjoni tal-imsemmija nota kif ukoll il-fondatezza tagħha.

a) Dwar l-ewwel parti, ibbażata fuq il-ksur tal-Artikolu 5 tal-Ftehim waqt l-ewwel proċedura ta' verifika

47 Insostenn ta' din il-parti, ir-rikorrenti tinvoka żewġ ilmenti, ibbażati, l-ewwel, fuq ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Ftehim u, it-tieni, fuq ksur tal-Artikolu 5(3) tiegħu.

1) Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Ftehim

48 Ir-rikorrenti ssostni, minn naħa, li l-għażla tal-organu indipendenti ġiet imposta fuq l-OSP mill-Kunsill sabiex tiġi implimentata l-ewwel proċedura ta' verifika u, min-naħa l-oħra, li l-OSP ma approvatx il-kontenut tal-ewwel ittra ta' missjoni.

49 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar, l-ewwel nett, li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tal-Ftehim, dwar il-verifika ta' ċerti kriterji għar-rikonoxximent u ta' rappreżentattività tal-OSP, jipprevedi li n-numru ta' membri tagħhom għandu jiġi kkomunikat permezz ta' ġurament tal-presidenti rispettivi tagħhom lil organu indipendenti magħżul bi qbil komuni.

50 F'dan il-każ, min-nota msemmija fil-punt 11 iktar 'il fuq jirriżulta li, fid-29 ta' Marzu 2022, is-SĠK stieden lill-OSP kofirmatarji sabiex jaħtru organu indipendenti bi qbil komuni u pproponielhom għaldaqstant li jafdaw l-eżekuzzjoni tal-ewwel proċedura ta' verifika lill-istess marixxall li quddiem kienet saret talba fl-2010 u fl-2014.

51 Barra minn hekk, mill-minuti tal-laqgħa tat-3 ta' Mejju 2022 bejn il-Kunsill u l-OSP kofirmatarji, li jinsabu f'posta elettronika mibgħuta fl-istess jum minn konsulent legali tad-diviżjoni kompetenti tad-Direttorat Ġenerali "Żvilupp organizzazzjonali u servizzi" lil kap tad-diviżjoni tiegħu, jirriżulta li l-OSP kollha kofirmatarji esprimew il-qbil tagħhom fir-rigward tal-proposta tas-SĠK li jafdaw l-eżekuzzjoni tal-ewwel proċedura ta' verifika f'idejn l-istess marixxall li lilu kienet saret it-talba għall-proċedura ta' verifika preċedenti.

52 Fl-aħħar nett, mill-proċess ma jirriżultax li l-OSP kofirmatarji kienu bagħtu xi lmenti lis-SĠK dwar il-ħatra tal-marixxall tali li jqajmu dubji dwar in-natura probatorja tal-indikazzjonijiet li jinsabu fil-minuti tal-laqgħa tat-3 ta' Mejju 2022, imsemmija fil-punt 51 iktar 'il fuq.

53 B'hekk, jeħtieġ li tiġi miċħuda bħala infondata fil-fatt l-allegazzjoni tar-rikorrenti li tgħid li l-Kunsill għażel l-organu indipendenti responsabbli għall-ewwel proċedura ta' verifika waħdu u mhux bi qbil komuni mal-OSP imsemmijin.

54 It-tieni, jeħtieġ li jiġi rrilevat li la l-Artikolu 5(1) tal-Ftehim u lanqas xi dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Ftehim ma jipprevedu l-obbligu għall-Kunsill li jibgħat ittra ta' missjoni lill-organu indipendenti responsabbli mill-implimentazzjoni ta' proċedura ta' verifika, b'mod li ebda dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim ma imponiet lill-Kunsill li jġib il-kunsens tal-OSP kofirmatarji fuq il-kontenut tal-ewwel ittra ta' missjoni.

55 Konsegwentement, l-ewwel ilment ma huwiex fondat u għandu jiġi miċħud.

2) Dwar it-tieni lment, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 5(3) tal-Ftehim

56 Ir-rikorrenti ssostni, essenzjalment, li d-deċiżjoni kkontestata ttieħdet b'mod tardiv fid-dawl tal-kalendarju triennali ta' verifika tal-livelli għar-rikonoxximent u ta' rappreżentattività.

57 F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 5(3) tal-Ftehim, dwar il-verifika ta' ċerti kriterji ta' rikonoxximent u ta' rappreżentattività tal-OSP jirriżulta li, mingħajr preġudizzju għall-proċeduri straordinarji ta' verifika tal-kriterji ta' rikonoxximent li jistgħu jiġu implimentati fuq talba ta' kull OSP rrikonoxxuta, il-proċeduri ta' verifika dwar l-OSP kofirmatarji kellhom jitwettqu kull tliet snin. Barra minn hekk, l-Artikolu 16(5) tal-imsemmi Ftehim, dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji u

finali, kien jipprovdi li l-ewwel verifika tal-kriterji għar-rikonoxximent u r-rappreżentattività prevista fl-Artikolu 5 tal-istess Ftehim kellu jseħħ matul is-sitt xhur wara li ġie ffirmat, jiġifieri mhux iktar tard mit-28 ta' Settembru 2006.

58 F'dan il-każ, mill-proċess jirriżulta li mhux biss il-proċeduri ta' verifika implimentati b'effett mill-iffirmar tal-Ftehim kienu ġew ikkompletati fil-15 ta' Mejju 2007, fl-24 ta' Ġunju 2010 u fl-14 ta' Jannar 2014, b'mod li dawn kienu tardivi fid-dawl tal-kalendarju triennali li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt 57 iktar 'il fuq, imma wkoll li ebda proċedura ta' verifika ma kienet twettqet bejn dik tal-14 ta' Jannar 2014 u l-ewwel proċedura ta' verifika.

59 Barra minn hekk, mill-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Kunsill jirriżulta li l-ewwel proċedura ta' verifika kienet ġiet ittardjata bin-negozjati għar-reviżjoni tal-Ftehim immexxija fl-2017 u fl-2018, li kienu intiżi, b'mod partikolari, sabiex jissimplifikaw il-modalitajiet sabiex titkejjel ir-rappreżentattività tal-OSP kofirmatarji, u mbagħad bil-pandemija tal-COVID-19.

60 Għalkemm ir-rikorrenti ma tikkontestax il-kontenut ta' dawn l-ispjegazzjonijiet, hija ssostni madankollu li dawn ma jiġġustifikawx li ebda verifika ma saret bejn tmiem in-negozjati għar-reviżjoni tal-Ftehim u l-bidu tal-pandemija tal-COVID-19.

61 Madankollu, għalkemm huwa minnu li l-Ftehim ma jipprevedi ebda deroga mill-kalendarju triennali li jirriżulta mill-Artikolu 5(3) u mill-Artikolu 16(5) tiegħu, jeħtieġ li jiġi osservat, l-ewwel nett, li l-għan ta' dan il-kalendarju huwa li jiggarantixxi l-verifika, b'intervalli regolari, tal-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent u għar-rappreżentattività tal-OSP mill-Kunsill, kif dawn huma previsti mill-Ftehim, sabiex jiżgura l-eżistenza ta' relazzjonijiet strutturati bejn l-imsemmija OSP u din l-istituzzjoni, mingħajr ma l-iskadenza tat-terminu li jirriżulta minn dan il-kalendarju jġib awtomatikament miegħu t-telf tad-drittijiet li minnhom jibbenefikaw l-OSP rrikonoxxuti u rappreżentattivi.

62 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li l-firmatarji tal-Ftehim ma pprevedewx dispożizzjoni tali li tipprevjeni u tissanzjona n-nuqqas ta' osservanza tal-kalendarju triennali li jirriżulta mill-Artikolu 5(3) u mill-Artikolu 16(5) tal-Ftehim. B'hekk, bil-fatt li għall-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' verifika adotta l-imsemmi kalendarju, il-Kunsill, bil-qbil tal-OSP kofirmatarji, ma riedx jippreskrivi dan il-kalendarju taħt piena ta' nullità tal-imsemmija proċeduri u lanqas jagħti natura imperattiva lill-imsemmija dispożizzjonijiet, imma ried jistabbilixxi għan sabiex issir verifika, b'intervalli regolari, tal-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent u għar-rappreżentattività tal-OSP mill-Kunsill.

63 Għaldaqstant, in-nuqqas ta' osservanza tal-kalendarju previst mill-Ftehim ma jistax jitqies bħala l-ksur ta' formalità essenzjali, imma għandha titqies bħala irregolarità proċedurali.

64 Issa, jeħtieġ li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, difett proċedurali ma jwassalx għall-annullament tad-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċedura amministrattiva inkwistjoni ħlief jekk, fl-assenza ta' din l-irregolarità, din il-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti. F'dan il-kuntest, ma jistax jiġi impost fuq il-parti rikorrenti, li tinvoka difett proċedurali, li turi li d-deċiżjoni tal-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata kienet tkun differenti, imma biss li tali ipoteżi ma hijiex kompletament eskluża, fejn l-evalwazzjoni ta' dan il-punt għandha ssir, barra minn hekk, skont iċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' dritt speċifiċi għal kull każ (ara s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, AV u AW vs Il-Parlament, T-43/20, mhux ippubblikata, EU:T:2021:666, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 Għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma pprovdiet ebda prova *prima facie* li hija kellha numru suffiċjenti ta' membri sabiex tkun irrikonoxxuta bħala rappreżentattiva fid-dati li fihom kellha titkejjel ir-rappreżentattività kieku l-kalendarju triennali previst mill-Ftehim kien ġie osservat. Konsegwentement, ir-rikorrenti ma stabbilixxietx li ma kienx kompletament eskluż li, fl-assenza tal-irregolarità invokata, id-deċiżjoni kkontestata setgħet tkun differenti.

66 Barra min hekk, kif isostni l-Kunsill, l-assenza ta' proċedura ta' verifika ma wasslitx għal konsegwenzi negattivi fuq is-sitwazzjoni tar-rikorrenti, li setgħet tibbenefika b'mod mhux interrott mill-mezzi pprovduti mill-OSP rappreżentattivi matul id-disa' snin li skorrew bejn il-proċedura ta' verifika tal-14 ta' Jannar 2014 u dawk li wasslu għal din it-tilwima.

67 Konsegwentement, l-imsemmi lment għandu jiġi miċħud.

b) Dwar it-tieni parti, ibbażata fuq irregolaritajiet li jaffettwaw l-ewwel rapport

68 Insostenn ta' din il-parti, ir-rikorrenti tinvoka, essenzjalment, erba' lmenti bbażati, l-ewwel, fuq riferiment żbaljat fl-ewwel rapport, it-tieni, fuq in-nuqqas ta' osservanza mill-marixxall tal-kalendarju previst mill-ewwel ittra ta' missjoni, it-tielet, fuq żball li jikkonċerna l-ewwel data ta' riferiment u r-raba', fuq in-natura żbaljata tal-ewwel rapport.

1) Dwar l-ewwel ilment, ibbażat fuq riferiment żbaljat fl-ewwel rapport

69 Ir-rikorrenti ssostni li l-ewwel rapport huwa vvizzjat bi żball ta' fatt peress li jindika li l-ewwel ittra ta' missjoni saret bi qbil komuni bejn il-Kunsill u l-OSP kofirmatarji.

70 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li ebda dispożizzjoni tat-trattati ma timponi fuq il-qorti tal-Unjoni li teżamina, fi kwalunkwe każ, il-fondatezza tal-motivi jew tal-argumenti mressqa insostenn tat-talbiet li jsirulha. Min-naħa l-oħra, il-qorti tal-Unjoni tista', b'mod partikolari, għar-raġunijiet marbutin ma' amministrazzjoni effikaċi tal-ġustizzja, tastjeni milli teżamina l-fondatezza tal-motivi jew tal-argumenti li għandhom ikunu skartati bħala inammissibbli jew ineffettivi (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tad-29 ta' Settembru 2022, HIM vs Il-Kummissjoni, C-500/21 P, mhux ippubblikata, EU:C:2022:741, punti 72 u 73).

71 F'dan il-każ, għalkemm huwa minnu li l-ewwel rapport jsemmi, fil-kummenti preliminari, "l-ittra ta' missjoni tal-Kunsill, bi qbil mal-[OSP], għat-twettiq tal-verifika tan-numru ta' membri fi ħdan l-'organizzazzjonijiet' fis-sens tal-imsemmi ftehim" [traduzzjoni mhux uffiċjali], mill-punt 54 iktar 'il fuq, jirriżulta li ebda dispożizzjoni mill-Ftehim ma pprevediet l-obbligu għall-Kunsill li jġib il-kunsens tal-OSP fuq l-ewwel ittra ta' missjoni mibgħuta lill-marixxall.

72 Konsegwentement, ir-riferiment iċċitat fil-punt 71 iktar 'il fuq, li jinsab fl-ewwel rapport, anki jekk titqies żbaljata, ma taffettwa la l-kontenut jew il-validità ta' dan ir-rapport u lanqas, konsegwentement, il-legalità tan-nota tal-24 ta' Novembru 2022 u d-deċiżjoni kkontestata. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiżdied li r-rikorrenti ma tressaq ebda element li juri li din ir-referenza affettwat l-ewwel proċedura ta' verifika jew l-ewwel rapport.

73 Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi miċħud dan l-ilment bħala ineffettiv.

2) Dwar it-tieni lment, ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza mill-marixxall tal-kalendarju previst fl-ewwel ittra ta' missjoni

74 Ir-rikorrenti ssostni li l-ewwel proċedura ta' verifika twettqet matul Settembru 2022, filwaqt li din kellha ssir l-iktar tard sal-31 ta' Lulju 2022, skont il-mandat mogħti lill-marixxall mill-ewwel ittra ta' missjoni.

75 F'dan ir-rigward, huwa minnu li, skont it-termini tal-ewwel ittra ta' missjoni, il-marixxall kellu jwettaq l-ewwel proċedura ta' verifika sa mhux iktar tard mid-data tal-31 ta' Lulju 2022 u li mill-ewwel rapport jirriżulta li din il-proċedura twettqet fl-1, fis-6, fid-9 u fid-29 ta' Settembru 2022, fejn l-ewwel rapport ġie stabbilit fl-20 ta' Ottubru 2022.

76 Issa, fl-ewwel lok, ma jirriżultax la mill-ewwel ittra ta' missjoni u lanqas mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim li n-nuqqas ta' osservanza tal-iskadenza tal-31 ta' Lulju 2022 kellu jkollu xi tip ta' effett fuq ir-regolarità tal-ewwel proċedura ta' verifika jew fuq il-validità tal-ewwel rapport.

77 Fit-tieni lok, mill-ewwel rapport jirriżulta li l-marixxall, fil-kuntest tal-ewwel proċedura ta' verifika, għadd in-numru ta' membri ta' kull OSP kofirmatarja billi ħa inkunsiderazzjoni l-ewwel data ta' riferiment ffissata fil-31 ta' Mejju 2022, skont l-ewwel ittra ta' missjoni.

78 Konsegwentement, peress li l-marixxall ma kienx awtorizzat jieħu inkunsiderazzjoni, waqt il-kalkolu tan-numru ta' soċji tal-OSP kofirmatarji, kwalunkwe tibdil ta' dan in-numru wara l-ewwel data ta' riferiment tal-31 ta' Mejju 2022 u li huwa kellu jwaqqaf il-konstatazzjonijiet tiegħu ma' din id-data, mill-proċess ma jirriżultax li n-nuqqas ta' osservanza tad-data tal-31 ta' Lulju 2022 prevista għall-formulazzjoni finali tal-rapport tiegħu affettwat b'xi mod ir-regolarità tal-ewwel proċedura ta' verifika jew il-validità tal-ewwel rapport u lanqas, konsegwentement, il-legalità tan-nota tal-24 ta' Novembru 2022 u tad-deċiżjoni kkontestata.

79 Għaldaqstant, jeħtieġ li dan l-ilment jiġi miċħud bħala ineffettiv.

3) Dwar it-tielet ilment, ibbażat fuq żball li jikkonċerna l-ewwel data ta' riferiment

80 Ir-rikorrenti ssostni li, skont l-ewwel ittra ta' missjoni, il-marixxall kellu jwettaq l-ewwel proċedura ta' verifika billi jieħu l-31 ta' Awwissu 2022 bħala l-ewwel data ta' riferiment, peress li din kienet l-aħħar ġurnata tax-xahar ta' qabel it-twettiq tal-ewwel proċedura ta' verifika, u mhux il-31 ta' Mejju 2022.

81 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, jeħtieġ li jitfakkar, minn naħa, li d-determinazzjoni tad-dati ta' riferiment għat-twettiq ta' verifika tal-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent u r-rappreżentattività tal-OSP ma hijiex irregolata mill-Ftehim u, min-naħa l-oħra, li l-ewwel ittra ta' missjoni kienet tobbliga lill-marixxall li sabiex iwettaq l-ewwel proċedura ta' verifika jagħmel kuntatt mad-Direttorat Ġenerali "Żvilupp Organizzazzjonali u Servizzi" sabiex ikollu lista uffiċjali tal-uffiċjali u membri oħra tal-persunal kif ukoll lista uffiċjali tal-ex uffiċjali u membri oħra tal-persunal fil-31 ta' Mejju 2022.

82 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tadotta l-interpretazzjoni mogħtija mir-rikorrenti li tgħid li l-ewwel data ta' riferiment li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jingħaddu n-numru ta' membri tal-OSP kofirmatarji kellu jikkorrispondi mal-aħħar jum tax-xahar ta' qabel

l-eżerċizzji konkreti ta' verifika tal-marixxall, peress li tali interpretazzjoni kellha twassal lill-Kunsill li jikser il-prinċipju taċ-ċertezza legali u, jekk ikun il-każ, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

83 Fil-fatt, jeħtieġ li jitfakkar li r-rekwiżit fundamentali taċ-ċertezza legali, fil-manifestazzjonijiet differenti tiegħu, huwa intiż li jiggarantixxi l-prevedibbiltà tas-sitwazzjonijiet u tar-relazzjonijiet ġuridiċi li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenza tad-9 ta' Marzu 2023, Galeote u Watson vs Il-Parlament, C-715/21 P u C-716/21 P, mhux ippubblikata, EU:C:2023:190, punt 113 u l-ġurisprudenza ċċitata). B'mod partikolari, mill-prinċipju ta' ċertezza legali jirriżulta li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha tkun ċerta u l-applikazzjoni tagħha għandha tkun prevedibbli għall-individwi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Lulju 2015, Cabinet Medical Veterinar Dr. Tomoiagă Andrei, C-144/14, EU:C:2015:452, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

84 Barra minn hekk, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta, jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jeżiġi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm differenza fit-trattament ma tkunx oġġettivament iġġustifikata (ara s-sentenza tal-14 ta' Lulju 2022, Il-Kummissjoni vs VW *et*, C-116/21 P sa C-118/21 P, C-138/21 P u C-139/21 P, EU:C:2022:557, punt 95 u l-ġurisprudenza ċċitata).

85 B'hekk, għalkemm l-interpretazzjoni li ngħatat fil-punt 82 iktar 'il fuq kienet ġiet aċċettata mill-Kunsill, din setgħet twassal lill-marixxall sabiex jikkunsidra d-dati ta' riferiment differenti skont kull OSP kofirmatarja, fil-każ fejn, għal raġunijiet prattiċi marbutin mad-disponibbiltà tad-diriġenti tagħhom jew tar-rappreżentanti tagħhom, il-marixxall ma kienx ikun f'pożizzjoni li jwettaq, matul l-istess xahar, l-eżerċizzji ta' verifika li huwa kien obbligat jagħmel.

86 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-implimentazzjoni tal-interpretazzjoni msemmija fil-punt 82 iktar 'il fuq kienet twassal lill-Kunsill sabiex jikser il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u taċ-ċertezza legali li kienu jobbligawh jiffissa l-ewwel data ta' riferiment li tkun mhux biss l-istess għall-OSP kofirmatarji kollha, imma wkoll ċara u prevedibbli.

87 Konsegwentement, jeħtieġ li dan l-ilment jiġi miċħud bħala infondat.

4) Dwar ir-raba' lment, ibbażat fuq in-natura żbaljata tal-ewwel rapport

88 Ir-rikorrenti ssostni li l-ewwel rapport huwa żbaljat inkwantu jikkonstata li hija ma laħqitx il-livell għar-rikonoxximent, filwaqt li hija kienet uriet, fl-ewwel data ta' riferiment, tal-inqas 221 membru.

89 F'dan ir-rigward, huwa minnu li, permezz tan-nota tal-24 ta' Novembru 2022, il-Kunsill għamel tiegħu l-konstatazzjoni tal-uffiċjal ġudizzjarju li tinsab fl-ewwel rapport, li tgħid li mill-ewwel proċedura ta' verifika jirriżulta li r-rikorrenti ma kinitx laħqet il-livell għar-rikonoxximent.

90 Madankollu, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, permezz tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kunsill irreveda l-konstatazzjoni msemmija fil-punt 89 iktar 'il fuq u li, għall-kuntrarju, indika lir-rikorrenti li hija kellha żżomm id-drittijiet li hija tislet mill-Ftehim fil-kwalità ta' OSP rrikonoxxuta.

91 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma tikkontestax li hija ma ġietx imċaħħda mid-drittijiet tagħha ta' OSP rrikonoxxuta bejn id-dati tal-adozzjoni tan-nota tal-24 ta' Novembru 2022 u tad-deċiżjoni kkontestata.

92 Konsegwentement, l-eventwali żball li bih jista' jkun ivvizzjat l-ewwel rapport ma jkollu ebda effett fuq il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, b'mod li dan l-ilment għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

93 Konsegwentement, jeħtieġ li t-tieni parti ta' dan il-motiv kif ukoll l-ewwel motiv fl-intier tiegħu jiġu miċħuda.

3. Dwar it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-ispirtu ta' kooperazzjoni leali li joħroġ mill-Ftehim, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-prinċipju ta' eżekuzzjoni f'bona fide tal-ftehimiet

94 Insostenn tat-tieni motiv, ir-rikorrenti tinvoka, essenzjalment, tliet partijiet, ibbażati, l-ewwel, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' eżekuzzjoni f'*bona fide* tal-ftehimiet, it-tieni, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u, b'mod iktar partikolari, tal-obbligi ta' diliġenza u imparzjalità u, it-tielet, fuq il-ksur tal-"ispirtu ta' kooperazzjoni leali", moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

95 Il-Kunsill jikkontesta l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti.

a) Dwar l-ewwel parti, ibbażata fuq il-ksur tal-prinċipju ta' eżekuzzjoni f'bona fide tal-ftehimiet

96 Ir-rikorrenti ssostni li, bħala dokument innegozjat fuq bażi konvenzjonali, il-Ftehim għandu jiġi eżegwit f'*bona fide*, skont il-prinċipju ta' eżekuzzjoni f'*bona fide* tal-konvenzjonijiet jew tas-"sinċerità kuntrattwali", li jikkorrispondi għal prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ispirat mit-tradizzjonijiet ġuridiċi komuni tal-Istati Membri.

97 B'mod partikolari, ir-rikorrenti tikkritika lill-Kunsill li adotta approċċ unilaterali li kien iktar fil-forma ta' att ta' awtorità milli att innegozjat, minn naħa, billi ma laqax it-talba tagħha li jipposponi l-ewwel data ta' riferiment għall-31 ta' Lulju 2022 u, min-naħa l-oħra, billi skatta l-ewwel proċedura ta' verifika mingħajr ma ħa inkunsiderazzjoni ċerti punti ta' diskussjoni jew ta attenzjoni fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' uffiċjali li kienu tressqu mill-OSP kofirmatarji u li kienu għadhom pendenti.

98 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-miżuri li jaffettwaw direttament l-interess kollettiv li OSP tiddefendi fil-kuntest tar-relazzjonijiet tagħha ma' xi istituzzjoni jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament min-naħa ta' din l-OSP fuq il-bażi tal-Artikolu 263 TFUE, inkluż meta dawn il-miżuri jittieħdu skont ftehim konkluż bejn l-istituzzjoni kkonċernata u xi OSP (ara d-digriet tad-9 ta' April 2014, Colart *et* vs Il-Parlament, F-87/13, EU:F:2014:53, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata; ara wkoll, f'dan is-sens, id-digriet tal-31 ta' Marzu 2003, Hecq vs Il-Kummissjoni, T-227/02, EU:T:2003:89, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

99 Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, b'mod konformi ma' din il-ġurisprudenza, ir-rikorrenti ppreżentat ir-rikors tagħha fuq il-bażi tal-Artikolu 263 TFUE, mingħajr din il-bażi legali ma ġiet ikkontestata mill-Kunsill.

100 Minn dan isegwi li l-partijiet f'din it-tilwima impliċitament iżda neċessarjament ikkunsidraw li l-evalwazzjoni tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata ma kinitx taqa' taħt il-kompetenza tal-qorti tal-kuntratt.

101 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-Ftehim ma jissuġġettax għan-negozjati tal-Kunsill u tal-OSP kofirmatarji elementi bħalma huma l-iffissar tad-data ta' riferiment u d-deċiżjoni sabiex tiskatta l-proċedura ta' verifika.

102 Konsegwentement, ir-rikorrenti ma tistax validament tikkritika lill-Kunsill li kiser il-prinċipju ta' eżekuzzjoni f'*bona fide* tal-ftehimiet minħabba li huwa ffissa l-ewwel data ta' riferiment għall-31 ta' Mejju 2022 u li huwa skatta l-ewwel proċedura ta' verifika mingħajr ma ħa inkunsiderazzjoni ċerti talbiet imressqa mill-OSP kofirmatarji.

103 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-argument ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' eżekuzzjoni f'*bona fide* tal-ftehimiet għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

b) Dwar it-tieni parti, ibbażata fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u, b'mod iktar partikolari, tal-obbligi ta' diliġenza u ta' imparzjalità

104 Insostenn tal-argument tagħha dwar il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u, b'mod iktar partikolari, tal-obbligi ta' diliġenza u ta' imparzjalità, ir-rikorrenti tinvoka tliet ilmenti, ibbażati, l-ewwel, fuq irregolaritajiet li jaffettwaw l-iskattar tal-ewwel proċedura ta' verifika, it-tieni, fuq l-assenza tat-teħid inkunsiderazzjoni mill-Kunsill tad-diffikultajiet iffaċċjati mir-rikorrenti sabiex taċċedi għall-informazzjoni korretta li tippermettilha tissodisfa r-rekwiżiti ta' din il-proċedura u, it-tielet, fuq il-pubblikazzjoni mill-Kunsill, fit-30 ta' Novembru 2022, tar-riżultati tal-imsemmija proċedura.

1) Dwar l-ewwel ilment, ibbażat fuq irregolaritajiet li jaffettwaw l-iskattar tal-ewwel proċedura ta' verifika

105 Insostenn ta' dan l-ilment, ir-rikorrenti tressaq tliet argumenti, ibbażati, l-ewwel, fuq ksur tal-obbligu ta' diliġenza inkwantu l-Kunsill skatta l-ewwel proċedura ta' verifika mingħajr ma ħa inkunsiderazzjoni ċerti punti ta' diskussjoni jew ta' attenzjoni fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' uffiċjali, it-tieni, fuq ksur tal-obbligu ta' diliġenza inkwantu l-iskattar tal-ewwel proċedura ta' verifika u l-iffissar tal-ewwel data ta' riferiment ma ġewx deċiżi bi qbil mal-OSP kofirmatarji u, it-tielet, fuq ksur tal-obbligu ta' imparzjalità.

i) Dwar l-ewwel argument, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' diliġenza inkwantu l-Kunsill skatta l-ewwel proċedura ta' verifika mingħajr ma ħa inkunsiderazzjoni ċerti punti ta' diskussjoni jew ta attenzjoni fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' uffiċjali

106 Ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill kiser l-obbligu ta' diliġenza inkwantu huwa skatta l-ewwel proċedura ta' verifika mingħajr ma ħa inkunsiderazzjoni ċerti punti ta' diskussjoni jew ta attenzjoni fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' uffiċjali li kienu tressqu mill-OSP kofirmatarji u li kienu għadhom pendenti, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tal-uffiċjali kkollokati, b'diżabbiltà u li jirritornaw mil-leave għal raġunijiet personali jew mil-leave tal-familja.

107 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li d-dritt għal amministrazzjoni tajba, previst fl-Artikolu 41 tal-Karta, jinkludi, b'mod partikolari, l-obbligu ta' imparzjalità u l-obbligu ta' azzjoni f'terminu raġonevoli, protetti mill-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, kif ukoll l-obbligu ta' diliġenza, mislut mill-ġurisprudenza, li timponi fuq l-istituzzjonijiet li jaġixxu b'kura u bi prudenza billi jeżaminaw

l-elementi rilevanti kollha tal-każ ineżami (ara s-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2022, SGL Carbon *et* vs Il-Kummissjoni, C-65/21 P u C-73/21 P sa C-75/21 P, EU:C:2022:470, punti 30 u 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

108 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 64 iktar 'il fuq jirriżulta li difett proċedurali ma jwassalx għall-annullament tad-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċedura amministrattiva inkwistjoni ħlief jekk, fl-assenza ta' din l-irregolarità, din il-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti.

109 F'dan il-każ, jeħtieġ li jiġi rrilevat li d-deċiżjoni kkontestata ttieħdet wara żewġ proċeduri ta' verifika suċċessivi u distinti, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-Ftehim. B'mod partikolari, in-numru ta' membri li ttieħed inkunsiderazzjoni mill-Kunsill sabiex jasal għall-konklużjoni definittiva li r-rikorrenti ma kinitx laħqet il-livell ta' rappreżentattività jikkorrispondi għal dak ikkonstatat mill-marixxall fit-tieni data ta' riferiment fil-kuntest tat-tieni proċedura ta' verifika.

110 Issa, f'dan il-każ, l-ewwel argument, li huwa mmirat b'mod inċidentali kontra l-ewwel proċedura ta' verifika, ma ġiex riprodott mir-rikorrenti kontra t-tieni proċedura ta' verifika.

111 Għaldaqstant, minn naħa, ir-rikorrenti ma turix u lanqas tallega li l-Kunsill rrifjuta li l-marixxall jieħu inkunsiderazzjoni, waqt il-kalkolu tal-membri tagħha fit-tieni data ta' riferiment tat-28 ta' Frar 2023, tal-uffiċjali kkollokati, b'diżabbiltà jew li jirritornaw mil-leave għal raġunijiet personali jew mil-leave familjari.

112 Min-naħa l-oħra, mill-proċess ma jirriżultax li l-eventwali rifjut tal-Kunsill milli jieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari ta' ċerti kategoriji ta' uffiċjali fil-kuntest tal-ewwel proċedura ta' verifika kellu xi influwenza fuq il-kalkolu mill-marixxall tan-numru ta' membri tagħha fil-kuntest tat-tieni proċedura ta' verifika.

113 Konsegwentement, jeħtieġ li dan l-ewwel argument jiġi miċħud bħala ineffettiv.

ii) Dwar it-tieni argument, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' diliġenza inkwantu l-iskattar tal-ewwel proċedura ta' verifika ma ġiex deċiż bi qbil mal-OSP kofirmatarji

114 Ir-rikorrenti ssostni li, fid-data tal-iskattar tal-ewwel proċedura ta' verifika, l-istatuti tagħha ma kinux jippermettulha li torganizza laqgħa ġenerali permezz ta' vidjokonferenza, li l-ewwel laqgħa ġenerali ma setgħetx tinżamm qabel it-tneħħija tar-restrizzjonijiet sanitarji marbutin mal-pandemija tal-COVID-19 li seħħet f'Mejju 2022 u li kull deċiżjoni ta' din il-laqgħa ġenerali dwar l-ammont ta' kontribuzzjonijiet seta' jkollha effett biss tliet xhur wara, jiġifieri f'Lulju 2022, fid-dawl tal-frekwenza trimestrali tas-sejħiet għall-kontribuzzjonijiet.

115 B'hekk, ir-rikorrenti ssostni li, bil-fatt li rrifjuta li jieħu inkunsiderazzjoni dawn id-diffikultajiet u li jipposponi d-data ta' riferiment għall-31 ta' Lulju 2022, il-Kunsill naqas milli jwettaq l-obbligu ta' diliġenza tiegħu billi ma eżaminax bir-reqqa l-elementi rilevanti kollha tal-fajl.

116 Issa, mingħajr il-bżonn li jiġi eżaminata jekk dan l-argument huwiex effettiv, ma jidhirx, fl-ewwel lok, li, bil-fatt li ffissa d-data ta' riferiment għall-31 ta' Mejju 2022, il-Kunsill naqas milli jwettaq l-obbligu ta' diliġenza tiegħu.

117 Fil-fatt, l-ewwel nett, jeħtieġ li jitfakkar li l-Artikolu 5 tal-Ftehim ma kienx joħloq obbligu fuq il-Kunsill li jġib il-kunsens tal-OSP kofirmatarji fir-rigward tad-data għall-iskattar tal-proċedura ta' verifika u lanqas fir-rigward tad-data ta' riferiment meħuda inkunsiderazzjoni għall-verifika tal-livelli għar-rikonoxximent u ta' rappreżentattività.

118 It-tieni, ebda dispożizzjoni mill-Ftehim ma kienet tobbliga lill-Kunsill li jiffissa l-ewwel data ta' riferiment għall-aħħar jum tax-xahar ta' qabel l-iffirmar tal-ewwel ittra ta' missjoni, b'mod li huwa seta' jiffissa data ta' riferiment għal waħda wara li tintbagħat din l-ittra, sakemm din tkun l-istess għall-OSP kofirmatarji kollha u tiġi ffissata biżżejjed żmien minn qabel. Madankollu, tali soluzzjoni kien ikollha l-konsegwenza li żżid it-tul tal-proċedura ta' verifika u li tittardja l-konstatazzjonijiet tal-marixxall.

119 Fil-fatt, f'xenarju bħal dan, minn naħa, l-OSP kofirmatarji kien ikollhom bżonn ta' terminu addizzjonali sabiex, wara d-data ta' riferiment, janalizzaw id-data li kien ikollhom u jikkomunikawha lill-marixxall, fil-kuntest tad-dikjarazzjoni ġuramentata prevista fl-Artikolu 5(1) tal-Ftehim. Min-naħa l-oħra, il-marixxall kien ikollu bżonn ukoll ta' terminu addizzjonali sabiex janalizza u jivverifika din id-data kif ukoll dik ikkomunikata mill-Kunsill.

120 Fit-tielet lok, għalkemm mill-indikazzjonijiet konkordanti tal-partijiet jirriżulta li l-OSP kofirmatarji kellhom għarfien tal-intenzjoni tal-Kunsill li jiffissa l-ewwel data ta' riferiment għall-31 ta' Mejju 2022, waqt il-komunikazzjoni, fit-3 ta' Mejju 2022, tal-abbozz tal-ewwel ittra ta' missjoni, mill-punt 11 iktar 'il fuq jirriżulta li l-OSP kofirmatarji kienu avżati sa mid-29 ta' Marzu 2022 bl-intenzjoni tal-Kunsill li jibda l-proċedura ta' verifika, b'mod li, sabiex jippreparaw ruħhom għal din il-proċedura, huma kellhom terminu ta' kważi xahrejn, li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, ma jidhirx insuffiċjenti.

121 Fit-tieni lok u fi kwalunkwe każ, mill-proċess ma jirriżultax li kwalunkwe ksur tal-obbligu ta' diliġenza li jirriżulta mir-rifjut tal-Kunsill li jipposponi l-ewwel data ta' riferiment għall-31 ta' Lulju 2022 seta' jkollu influwenza fuq il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata.

122 Ċertament, ir-rikorrenti tilmenta mill-fatt li, waqt l-ewwel proċedura ta' verifika, il-Kunsill ma ħax inkunsiderazzjoni l-impossibbiltà li fiha hija sabet ruħha li żżomm laqgħa ġenerali, minħabba r-restrizzjonijiet marbutin mal-pandemija tal-COVID-19, sabiex taġġusta l-ammonti tal-kontribuzzjonijiet dovuti mill-membri tagħha.

123 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, fil-kuntest tal-ewwel u t-tieni proċedura ta' verifika, il-marixxall kellu jivverifika l-osservanza tal-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 2(2)(e) tal-Ftehim, li tgħid li, sabiex jingħaddu fil-kuntest tal-proċeduri msemmijin, il-membri tal-OSP kofirmatarji għandhom jikkontribwixxu kull xahar għall-ammont ta' mill-inqas 0.2 % tas-salarju tagħhom jew tal-pensjoni bażika tagħhom.

124 Issa, peress li l-OSP kofirmatarji ma kellhomx għarfien, f'ħin reali, tat-tibdil tar-remunerazzjoni tal-membri tagħhom, marbuta mas-sitwazzjoni statutorja jew personali tagħhom, huwa possibbli li, fid-data ta' riferiment magħżula sabiex issir il-proċedura ta' verifika, uħud mill-membri tagħhom ma jistgħux jingħaddu għall-verifika tal-livell għar-rikonoxximent jew ir-rappreżentattività minħabba li, bil-fatt tat-tibdil tar-remunerazzjoni tagħhom, il-livell tal-kontribuzzjonijiet ta' kull xahar tagħhom sar inqas mill-perċentwal msemmi fil-punt 123 iktar 'il fuq.

125 Madankollu, ir-rikorrenti ma tressaq ebda element li juri li, fid-data tal-31 ta' Lulju 2022 jew fit-tieni data ta' riferiment, hija kienet tkun f'pożizzjoni li tilħaq il-livell ta' rappreżentattività, u dan minkejja li t-tieni proċedura ta' verifika offritilha terminu addizzjonali u opportunità ġdida sabiex taġġusta l-livell tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tagħha u li żżid in-numru tagħhom, skont id-data ġdida ta' riferiment li kienet ġiet iffissata għat-28 ta' Frar 2023.

126 Konsegwentement, bil-fatt li qies id-data tal-31 ta' Mejju 2022 bħala l-ewwel data ta' riferiment, il-Kunsill ma kisirx l-obbligu ta' diliġenza tiegħu.

iii) Dwar it-tielet argument, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' imparzjalità

127 Ir-rikorrenti tilmenta minn ksur tal-obbligu ta' imparzjalità, mingħajr, madankollu, ma tikkorrobora l-argument tagħha bi preċiżazzjonijiet suffiċjenti li jippermettu li tiġi evalwata l-fondatezza tiegħu.

128 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li l-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jipprevedi li r-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza għandu jkun fih "il-motivi u l-argumenti invokati kif ukoll espożizzjoni fil-qosor ta' dawn il-motivi". Għaldaqstant, skont ġurisprudenza stabbilita, il-qorti tal-Unjoni ma hijiex obbligata tirrispondi għall-argumenti invokati minn xi parti li ma humiex suffiċjentement ċari u preċiżi, inkwantu ma jiġux żviluppati iktar u ma jkunux akkumpanjati b'argument speċifiku li jikkorroborahom (ara s-sentenza tat-18 ta' Novembru 2021, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-107/20 P, mhux ippubblikata, EU:C:2021:937, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

129 Konsegwentement, dan it-tielet argument għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, b'mod li l-ewwel ilment ta' din il-parti għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

2) Dwar it-tieni lment, ibbażat fuq l-assenza tat-teħid inkunsiderazzjoni mill-Kunsill tad-diffikultajiet iffaċċjati mir-rikorrenti sabiex taċċedi għall-informazzjoni korretta li tippermettilha tissodisfa r-rekwiżiti tal-ewwel u t-tieni proċedura ta' verifika

130 Ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill ma ħax inkunsiderazzjoni d-diffikultajiet li hija ffaċċjat sabiex taċċedi għall-informazzjoni korretta li tippermettilha tirrispondi għar-rekwiżiti tal-ewwel u t-tieni proċedura ta' verifika, jiġifieri l-livelli ta' remunerazzjoni tal-uffiċjali, tal-membri tal-persunal u tal-pensjonanti li huma marbutin mal-gradi tagħhom.

131 B'hekk, ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill kellu jikkomunikalha, waqt l-ewwel u t-tieni proċedura ta' verifika, jekk ikun il-każ fil-forma anonimizzata, l-informazzjoni li tirrigwarda l-gradi tal-uffiċjali, tal-membri tal-persunal u tal-pensjonanti, sabiex tkun tista' tivverifika l-proporzjon ta' kontribuzzjoni meta mqabbel mas-salarju bażiku.

132 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li t-tielet inċiż tal-Artikolu 5(2) tal-Ftehim kien jeżiġi mingħand l-OSP kofirmatarji, għall-iskopijiet tal-proċeduri ta' verifika, li jikkomunikaw lill-marixxall l-listi tal-membri tagħhom li jaħdmu mas-SĠK filwaqt li jindikaw in-nazzjonalitajiet tagħhom, il-funzjonijiet tagħhom, il-gruppi ta' funzjonijiet li għalihom jappartjenu, kif ukoll lista tal-ex uffiċjali u membri oħra tal-persunal tas-SĠK intitolati għal pensjoni Komunitarja.

133 Barra minn hekk, l-ewwel u t-tieni ittra ta' missjoni kienu jobbligaw lill-marixxall, meta jwettaq l-ewwel u t-tieni proċedura ta' verifika, li jagħmel kuntatt mad-Direttorat Ġenerali "Żvilupp organizzazzjonali u servizzi" sabiex jikseb il-listi uffiċjali tal-uffiċjali u ta' membri oħra tal-persunal kif ukoll il-listi uffiċjali tal-ex uffiċjali u membri oħra tal-persunal stabbiliti rispettivament fl-ewwel data ta' riferiment tal-31 ta' Mejju 2022 u t-tieni data ta' riferiment tat-28 ta' Frar 2023 (iktar 'il quddiem il-"listi uffiċjali stabbiliti mill-Kunsill").

134 B'mod partikolari, il-listi uffiċjali stabbiliti mill-Kunsill kienu jinkludu d-data li tirrigwarda l-gradi u r-remunerazzjonijiet tal-membri u tal-ex membri tal-persunal tas-SĠK sabiex jippermettu lill-marixxall li jivverifika l-osservanza tal-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 2(2)(e) tal-Ftehim, li tgħid li sabiex jingħaddu fil-kuntest tal-proċeduri ta' verifika, il-membri tal-OSP kofirmatarji għandhom jikkontribwixxu kull xahar sal-ammont ta' mill-inqas 0.2 % tas-salarju jew tal-pensjoni bażika tagħhom.

135 Issa, l-ewwel nett, jeħtieġ li jiġi rrilevat li ebda dispożizzjoni mill-Ftehim ma tipprevedi l-komunikazzjoni lill-OSP kofirmatarji tad-data li tinsab fil-listi uffiċjali stabbiliti mill-Kunsill.

136 It-tieni, mill-proċess ma jirriżultax li r-rikorrenti kienet talbet lill-Kunsill jibgħatilha, għall-iskopijiet tal-ewwel u t-tieni proċedura ta' verifika, il-lista uffiċjali stabbiliti minnu.

137 It-tielet, il-Kunsill ma setax jilqa' talba tar-rikorrenti intiża sabiex jiġu kkomunikati l-listi uffiċjali stabbiliti minnu mingħajr ma jikser il-klawżola ta' kunfidenzjalità li tinsab fl-Artikolu 5(1) tal-Ftehim.

138 Fil-fatt, din il-klawżola li kienet tipprojbixxi lill-marixxall milli jiżvela l-informazzjoni miksuba fil-kuntest tal-proċeduri ta' verifika tippermetti li tiggarantixxi s-sigriet mhux biss tal-appartenenza sindakali tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal tas-SĠK kif ukoll tal-ex uffiċjali u membri oħra tal-persunal, imma wkoll in-natura kunfidenzjali tar-remunerazzjoni tagħhom, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39).

139 Ir-raba', għalkemm ir-rikorrenti ssostni li l-listi uffiċjali stabbiliti mill-Kunsill setgħu jiġu kkomunikati lilha fil-forma anonimizzata, ma huwiex ċert li, f'xenarju bħal dan, ir-rikorrenti kienet issib ruħha fl-impossibbiltà li tidentifika l-membri u l-ex membri tal-persunal tas-SĠK li jinsabu f'dawn il-listi jew, tal-inqas, uħud minnhom, bis-saħħa tad-data li tirrigwarda l-gradi tagħhom u r-remunerazzjonijiet tagħhom.

140 Konsegwentement, dan l-ilment għandu jiġi miċħud bħala infondat.

3) Dwar it-tielet ilment, ibbażat fuq il-pubblikazzjoni mill-Kunsill, fit-30 ta' Novembru 2022, tar-riżultati tal-ewwel proċedura ta' verifika

141 Ir-rikorrenti tikkritika lill-Kunsill li kiser il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba meta, fit-30 ta' Novembru 2022, ippubblika fuq l-intranet tiegħu, ir-riżultati tal-ewwel proċedura ta' verifika, mingħajr konsultazzjoni magħha u lanqas maż-żewġ OSP kofirmatarji l-oħra kkonċernati u b'mod mgħaġġel, b'mod li hija ma kellhiex l-opportunità li tippreżenta osservazzjonijiet u lanqas tikkontesta eventwalment din il-proċedura.

142 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li din il-pubblikazzjoni inkoraġġixxiet lil OSP kofirmatarja oħra sabiex tniedi kampanja ta' tmaqdir fil-konfront tagħha billi trendi pubbliku, fit-23 ta' Jannar 2023, l-ewwel rapport, ħaġa li rrendiet dejjem iktar diffiċli x-xogħol ta' rimobilizzazzjoni tal-membri tagħha bil-għan li tkun regolarizzata s-sitwazzjoni tagħha.

143 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, fit-30 ta' Novembru 2022, il-Kunsill ippubblika fuq l-intranet tiegħu artiklu qasir fuq il-Ftehim, il-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent u ta' rappreżentattività tal-OSP kofirmatarji kif ukoll fuq l-ewwel proċedura ta' verifika. Kien hemm indikat ukoll li l-marixxall kien reċentement ippreżenta r-relazzjoni tiegħu u stabbilixxa li żewġ OSP kofirmatarji, imsemmija b'isimhom, kienu laħqu l-livelli għar-rikonoxximent u ta' rappreżentattività, u dan għall-kuntrarju tar-rikorrenti. Dan l-artikolu kien jindika wkoll li, skont il-Ftehim, ir-rikorrenti kellha tliet xhur sabiex tilħaq dawn il-livelli u tkompli tibbenefika mid-drittijiet previsti mill-Ftehim.

144 Fl-ewwel lok, għalkemm ir-rikorrenti ssostni li din il-informazzjoni ġiet ippubblikata mingħajr konsultazzjoni minn qabel mal-OSP kkonċernati u mingħajr ma din ġiet informata, hija ma turix u lanqas tallega li l-Kunsill kellu l-obbligu li jwettaq din il-konsultazzjoni u informazzjoni minn qabel. Fi kwalunkwe każ, hija ma tindikax kif tali ċirkustanza tammonta għal ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

145 Fit-tieni lok, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, għalkemm ir-rikorrenti ssostni li l-pubblikazzjoni li saret mill-Kunsill fuq l-intranet tiegħu fit-30 ta' Novembru 2022 inkoraġġixxiet OSP kofirmatarja oħra sabiex tibda kampanja ta' tmaqdir fil-konfront tagħha billi rrendiet pubbliku, fit-23 ta' Jannar 2023, il-kontenut tal-ewwel rapport, ħaġa li kienet trendi iktar diffiċli r-rimobilizzazzjoni tal-membri tagħha fid-dawl tat-tieni proċedura ta' verifika, hija ma pprovdiet ebda element li juri r-realtà ta' din l-allegazzjoni, peress li l-prospett bid-data tat-23 ta' Jannar 2023 li hija pproduċiet ma jurix l-eżistenza ta' kampanja ta' tmaqdir kontriha.

146 Għaldaqstant, dan l-ilment kif ukoll it-tieni parti fl-intier tagħha għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

c) Dwar it-tielet parti, ibbażata fuq il-ksur tal-"ispirtu ta' kooperazzjoni leali" moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità

147 Ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill kiser l-"ispirtu ta' kooperazzjoni leali", moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, minħabba li kellu jikkonċedilha l-benefiċċju tal-perijodu tranżitorju ta' 18-il xahar previst fil-paragrafu 4 tal-Anness, sabiex jippermettilha tiġġestixxi t-tranżizzjoni bejn is-sitwazzjoni li tirriżulta mill-istatus tagħha ta' OSP rrikonoxxuta u rappreżentattiva u dik li tirriżulta mill-istatus ġdid tagħha bħala OSP rrikonoxxuta biss.

148 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, jeħtieġ li jitfakkar li, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, bis-saħħa tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jirrispettaw lil xulxin u jassistu reċiprokament lil xulxin fit-twettiq tal-kompiti li joħorġu mit-trattati.

149 B'hekk, din id-dispożizzjoni ma tpoġġix fuq il-Kunsill obbligu ta' kooperazzjoni leali fir-relazzjonijiet tiegħu ma' persuna ġuridika bħalma hija r-rikorrenti.

150 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma invokatx xi dispożizzjoni oħra tad-dritt tal-Unjoni li tpoġġi fuq l-istituzzjoni, fir-relazzjonijiet tagħha mal-OSP, obbligu ta' "kooperazzjoni leali".

151 B'mod partikolari, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li l-Ftehim ma jipprevedix l-obbligu ta' kooperazzjoni leali li jaqa' fuq il-Kunsill u fuq l-OSP kofirmatarji.

152 Konsegwentement, ir-rikorrenti ma tistax validament tinvoka l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u din il-parti, inkwantu hija bbażata fuq il-ksur ta' dan il-prinċipju, għandha tiġi miċħuda bħala ineffettiva.

153 Fit-tieni lok, għal dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' proporzjonalità, jeħtieġ li jitfakkar li, skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, "[k]ull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn". Barra minn hekk, skont l-Artikolu 5(4) TUE, skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni ma għandhomx jeċċedu dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tat-trattati.

154 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-paragrafu 4 tal-Anness jipprevedi li, f'każ ta' tibdil fit-tqassim tal-kollokamenti bejn l-OSP rappreżentattivi, il-membri tal-persunal ikkollokati jistgħu jibqgħu posthom għal perijodu tranżitorju ta' 18-il xahar.

155 B'hekk, mit-termini ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li din tapplika biss għall-OSP rappreżentattivi, kwalità li r-rikorrenti ma għadhiex tista' tinvoka minħabba li ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata.

156 Konsegwentement, il-Kunsill ma setax jikkonċedi lir-rikorrenti l-benefiċċju tal-perijodu tranżitorju ta' 18-il xahar previst fil-paragrafu 4 tal-Anness mingħajr, meta jagħmel hekk, ma jikser din id-dispożizzjoni u jikser b'hekk il-qafas legali li huwa stess stabbilixxa kif ukoll il-prinċipju taċ-ċertezza legali.

157 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti ma hijiex iġġustifikata ssostni li r-rifjut tal-Kunsill li jikkonċedilha l-benefiċċju tal-perijodu tranżitorju previst fil-paragrafu 4 tal-Anness jkun jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

158 Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu miċħuda din il-parti u, konsegwentement, it-tieni motiv fl-intier tiegħu.

4. Dwar it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt fundamentali għal-libertà sindakali

159 Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata tikser il-libertà sindakali ggarantita mill-Artikolu 12(1) tal-Karta, kif ukoll mill-Artikoli 27 u 28 tagħha, u mill-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEBD"). Hija tikkunsidra, fil-fatt, li din toħloq ostaklu għall-eżerċizzju tal-libertà sindakali tal-membri tagħha peress li għandha bħala effett immedjat li tittermina l-kollokament tal-president tagħha u l-provvista ta' assistent tas-segretarjat u li tħallilha biss sempliċi indirizz elettroniku bħala mezz ta' azzjoni.

160 Ir-rikorrenti ssostni wkoll li, peress li l-president tagħha issa jrid jerġa' jsib pożizzjoni full-time fi ħdan is-SĠK, hija mhux ser tibqa' disponibbli daqs qabel sabiex twettaq il-funzjonijiet sindakali tagħha fis-servizz tal-membri tagħha, b'mod li hija tkun kkundannata għad-diżinteress tal-membri attwali jew potenzjali tagħha u għal "mewt bil-mod".

161 Il-Kunsill jikkontesta l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti.

162 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, għalkemm, kif jikkonferma l-Artikolu 6(3) TUE, id-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-KEDB jagħmlu parti mid-dritt tal-Unjoni bħala prinċipji ġenerali u għalkemm l-Artikolu 52(3) tal-Karta jipprovdi li d-drittijiet previsti fiha li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-KEDB għandhom l-istess tifsira u l-istess portata bħal dawk li tagħtihom l-imsemmija konvenzjoni, din tal-aħħar ma hijiex, minħabba li l-Unjoni ma aderixxietx magħha, strument legali li jagħmel formalment parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (ara s-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2020, Silver Plastics u Johannes Reifenhäuser vs Il-Kummissjoni, C-702/19 P, EU:C:2020:857, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

163 Min-naħa l-oħra, mill-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta (ĠU 2007, C 303, p. 17) jirriżulta li d-dritt iggarantit mill-Artikolu 12(1) tagħha jikkorrispondi għad-dritt iggarantit mill-Artikolu 11 tal-KEDB u li, skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, għandu l-istess tifsira u portata bħalu (sentenza tad-19 ta' Ottubru 2023, Aquino vs Il-Parlament, C-534/22 P, mhux ippubblikata, EU:C:2023:802, punt 30).

164 Konsegwentement, dan il-motiv għandu jiġi eżaminat fid-dawl tal-Artikolu 12(2) tal-Karta.

165 B'hekk, jeħtieġ li jitfakkar li, skont l-Artikolu 12(1) tal-Karta, "[k]ull persuna għandha d-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u għal-libertà ta' assoċjazzjoni f'kull livell, b'mod partikolari fil-qasam politiku, tat-trade unions, u ċiviku, li jimplika d-dritt ta' kull persuna li tifforma trade unions flimkien ma' oħrajn u li tissieħeb magħhom għall-protezzjoni ta' l-interessi tagħha".

166 Barra minn hekk, l-Artikoli 27 u 28 tal-Karta jipprevedi li "[l]-ħaddiema jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom, fil-livelli xierqa, jkunu ggarantiti informazzjoni u konsultazzjoni fi żmien utli, fil-każijiet u skond il-kondizzjonijiet previsti mil-liġi ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali" u li "[l]-ħaddiema u dawk li jħaddmu, jew l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom, għandhom, skond il-liġi ta' l-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali, id-dritt li jinnegozjaw u li jikkonkludu ftehim kollettivi fil-livelli xierqa u, fil-każ ta' konflitti ta' interess, li jieħdu azzjoni kollettiva, inkluż l-istrajk, sabiex jiddefendu l-interessi tagħhom".

167 Fl-aħħar nett, jeħtieġ li jitfakkar li, skont l-Artikolu 24b tar-Regolamenti tal-Persunal "[l]-uffiċjali għandhom ikunu intitolati jeżerċitaw id-dritt ta' assoċjazzjoni; huma jistgħu partikolarment ikunu membri ta' *trade unions* jew assoċjazzjonijiet tal-persunal ta' l-uffiċjali Ewropej".

168 F'dan il-kuntest, mill-ġurisprudenza jirriżulta li huwa l-obbligu tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jagħmlu xejn li jista' jostakola l-libertà sindakali rrikonoxxuta mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti 165 sa 167 iktar 'il fuq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Jannar 1990, Maurissen u Union syndicale vs Il-Qorti tal-Awdituri, C-193/87 u C-194/87, EU:C:1990:18, punt 12).

169 Il-libertà sindakali kif irrikonoxxuta lill-uffiċjali u lill-membri tal-persunal tal-Unjoni timplika d-dritt tal-OSP li jwettqu kull attività għad-difiża tal-interessi professjonali tal-membri tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Jannar 1990, Maurissen u Union syndicale vs Il-Qorti tal-Awdituri, C-193/87 u C-194/87, EU:C:1990:18, punt 13 u l-ġurisprudenza ċċitata).

170 Minn naħa, jirriżulta li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jaċċettaw li l-OSP jeżerċitaw il-kompiti ta' rappreżentazzjoni u ta' konsultazzjoni tagħhom fuq il-materji kollha li jikkonċernaw lill-persunal u, min-naħa l-oħra, li huma ma jistgħux jippenalizzaw taħt kwalunkwe forma li tkun lill-uffiċjali jew lill-membri tal-persunal minħabba l-attivitajiet sindakali tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Jannar 1990, Maurissen u Union syndicale vs Il-Qorti tal-Awdituri, C-193/87 u C-194/87, EU:C:1990:18, punti 14 u 15).

171 F'dan il-każ, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, skont id-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti tkompli tibbenefika mill-faċilitajiet previsti fl-Artikolu 13 tal-Ftehim bħala OSP rrikonoxxuta bil-għan li teżerċita l-attivitajiet sindakali tagħha b'mod li, għalkemm hija ma għandhiex l-istess prerogattivi u lanqas l-istess riżorsi bħal dawk ta' OSP rappreżentattiva, hija jibqgħalha tal-inqas il-possibbiltà li teżerċita l-kompiti ta' rappreżentanza u ta' konsultazzjoni tagħha fuq il-kwistjonijiet kollha li jinteressaw lill-persunal.

172 Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata ma hija ta' ebda xkiel sabiex ir-rikorrenti tirkupra l-istatus tagħha ta' OSP rappreżentattiva fil-każ fejn hija tilħaq mill-ġdid il-livell ta' rappreżentattività previst fil-Ftehim.

173 Apparti dan, id-deċiżjoni kkontestata ma toħloq ebda xkiel la għal-libertà ta' għaqda paċifika, la għal-libertà ta' assoċjazzjoni tal-membri tar-rikorrenti, fid-dawl tad-difiża tal-interessi tagħhom, u lanqas għad-dritt tagħhom li jiġu informati u kkonsultati f'ħin utli, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Kumitat tal-Persunal speċifikament implimentat mir-Regolamenti tal-Persunal.

174 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kumitat tal-Persunal għandu jirrappreżenta l-interessi tal-persunal rigward l-istituzzjoni tagħhom u jżomm kuntatt kontinwu bejn l-istituzzjoni u l-persunal, filwaqt li jikkoopera għall-funzjonament tajjeb tas-servizzi billi jipprovdi mezz ta' espressjoni għall-opinjoni tal-persunal (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2023, Aquino vs Il-Parlament, C-534/22 P, mhux ippubblikata, EU:C:2023:802, punt 32).

175 Fl-aħħar nett, id-deċiżjoni kkontestata bl-ebda mod ma hija ta' xkiel sabiex OSP rappreżentattivi oħra fi ħdan il-Kunsill jiddefendu l-interessi tal-membri tar-rikorrenti fil-mument tan-negozjati u tal-konklużjoni tal-ftehimiet bħalma huma dawk irregolati mill-Artikolu 10c tar-Regolamenti tal-Persunal, u lanqas sabiex il-membri tagħha jirrikorru għall-azzjonijiet kollettivi għad-difiża tal-interessi tagħhom, inkluża l-azzjoni industrijali.

176 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-deċiżjoni kkontestata, li ma tteħditx minħabba attivitajiet sindakali mwettqa mir-rikorrenti, imma li, skont il-Ftehim, hija ġġustifikata minħabba l-konstatazzjonijiet tal-marixxall li skonthom hija ma laħqitx il-livell ta' rappreżentattività previst mill-imsemmi Ftehim kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni data ta' riferiment, ma tistax titqies bħala intiża li tippenalizza jew ixxekkel l-eżerċizzju tal-libertà sindakali tal-membri tagħha kif ukoll id-drittijiet li dawn tal-aħħar jisiltu mill-Artikolu 12(1) tal-Karta kif ukoll mill-Artikoli 27 u 28 tagħha.

177 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma sostnietx, u lanqas *a fortiori* uriet, li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim li jirregolaw il-provvista ta' riżorsi u ta' mezzi lill-OSP sabiex tkun iffaċilitata l-azzjoni sindakali tagħhom, skont jekk humiex OSP rappreżentattivi jew OSP irrikonoxxuti, jikkostitwixxu limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet iggarantiti mill-Artikoli 12, 27 u 28 tal-Karta kif ukoll mill-Artikolu 24b tar-Regolamenti tal-Persunal.

178 Konsegwentement, jeħtieġ li jiġi miċħud it-tielet motiv bħala infondat, l-istess bħat-talbiet intiżi għall-annullament fl-intier tagħhom.

B. Fuq it-talbiet għal kumpens

179 Ir-rikorrenti ssostni li l-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-ewwel proċedura ta' verifika, fit-30 ta' Novembru 2022, mingħajr konsultazzjoni magħha u lanqas maż-żewġ OSP kofirmatarji l-oħra kkonċernati u b'mod prematur, tikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba fil-konfront tagħha, li kkaġunalha dannu morali minħabba l-ħsara lir-reputazzjoni tagħha. Hija titlob lill-Kunsill iħallas l-ammont simboliku ta' EUR 1 għal dan il-għan.

180 Il-Kunsill jikkontesta l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti.

181 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni hija suġġetta li jkunu ssodisfatti numru ta' kundizzjonijiet, jiġifieri l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' regola ta' dritt li għandha bħala għan li tagħti drittijiet lill-individwi, ir-realtà tad-dannu u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn il-ksur tal-obbligu li jaqa' fuq l-awtur tal-att u d-dannu subit mill-persuni leżi (ara s-sentenza tas-27 ta' April 2023, Fondazione Cassa di Risparmio di Pesaro *et* vs Il-Kummissjoni, C-549/21 P, mhux ippubblikata, EU:C:2023:340, punt 113 u l-ġurisprudenza ċċitata).

182 F'dan il-każ, ir-rikorrenti tinvoka biss, insostenn ta' dawn it-talbiet għal kumpens, l-istess kap ta' illegalità bħal dak espost insostenn tat-talbiet tagħha għal annullament, b'mod partikolari, tat-tielet ilment tat-tieni parti tat-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba minħabba l-pubblikazzjoni, fit-30 ta' Novembru 2022, tar-riżultati tal-ewwel proċedura ta' verifika.

183 Issa, mill-punt 146 iktar 'il fuq jirriżulta li t-tielet ilment tat-tieni parti tat-tieni motiv, invokat insostenn tat-talbiet għal annullament, ġie miċħud bħala infondat.

184 Għaldaqstant, ma hijiex issodisfatta l-ewwel kundizzjoni msemmija fil-punt 181 iktar 'il fuq, li tippermetti l-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni u li tirrigwarda l-eżistenza ta' ksur ta' dispożizzjoni legali li għandha bħala suġġett li tagħti drittijiet lill-individwi.

185 Konsegwentement, mingħajr il-bżonn li jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet l-oħra għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, it-talbiet għal kumpens għandhom jiġu miċħuda.

IV. Dwar l-ispejjeż

186 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, kull parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfet il-kawża, jeħtieġ, skont ma ntalab mill-Kunsill, li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż, inkluż dawk li jirrigwardaw il-proċeduri għal miżuri provviżorji.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **Is-section Conseil tal-Fédération de la fonction publique européenne section Conseil (FFPE section Conseil) hija kkundannata għall-ispejjeż, inkluż dawk li jirrigwardaw il-proċedura għal miżuri provviżorji.**

Papasavvas Truchot Kanninen

Sampol Pucurull Tóth

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-11 ta' Diċembru 2024.

Firem